21 ta' Jannar, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Luigi Muscat et. *versus* Pietro Paolo Debono

**Lokazzjoni — Fondi Rustiċi — Konswetudini.**

*Is-sena rustika fil-lokazzjonijiet hija komputata, skond il-konswetudini, mill-15 ta' Awissu sal-15 ta' Awissu ta' wara. U l-qbiela tithallas b'lura, u kultant b'dilazzjoni waħda jew aktar.*

*Iżda huwa leċitu għall-kontraenti li jiddipartixxu minnhom b'konvenzjoni apposita mill-konswetudini fuq imsemmija.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-konvenut kellu f'idejh bi qbiela għall-aħħar sitta u għoxrin sena l-għalqa msejħa "tar-Rixu" jew "tal-Gozzu", li tinsab f'Wied ta' Ħal Balzan, tal-kejl ta' tmint itmien u tliet sigħan, li fiha razzett u xi bini ieħor, bi qbiela ta' £20 fis-sena, qbiela li huwa ma ħallas qatt, imma ikkompensa ma' krieri ta' kapitali li kellu jieħu minn għand Giuseppa armla Muscat, awtriċi ta' l-atturi, fl-atti tan-Nutar Giuseppe Gatt tal-11 ta' Frar 1946; u li huma, b'ittra uffiċjali tal-10 ta' Mejju 1946, interpellaw inutilment lill-istess konvenut biex jitlaq l-għalqa msemmija fil-15 ta' Awissu 1946, għaliex irriduha għalihom; talbu illi l-istess konvenut jiġi kundannat jiżgombra l-għalqa bir-razzett u l-bini fuq indikati fiż-żmien li jiġi lilu prefiss minn dina l-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Mejju 1946 u tal-11 ta' Lulju 1946;

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Illi mid-dokumenti fil-fol. 6 tal-proċess jirriżulta illi l-atturi avżaw uffiċjalment lill-konvenut, fl-10 ta' Mejju 1946, illi ma riedux, wara l-15 ta' Awissu 1946, iġeddulu l-qbiela

tal-ghalqa ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni, għaliex riedulha għalihom;

Illi mid-dokument fil-fol. 7 jirriżulta li l-konvenut ma jridx jiżgombra l-għalqa u r-razzett ta' ġo fiha għar-raġuni illi jippretendi illi l-lokazzjoni ma għalqetx f'Santa Marija tas-sena li għaddiet, imma tagħlaq fi Frar ta' din is-sena;

Tikkunsidra:

Illi kif ġie affermat minn din il-Qorti fil-kawża "Camilleri vs. Muscat" (Kollez. VII, paġ. 375, 20 ta' Marzu 1875), u mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-kawża "Dr. E. Gatt vs. Annunziato Bonello" (Kollez. XXIV, paġ. 300, 30 ta' Jannar 1920), is-sena rustika fil-lokazzjonijiet hija komputata skond il-konswetudini *mil-15 ta' Awissu sal-15 ta' Awissu ta'* wara, u l-qbiela tithallas b'lura, u kultant b'dilazzjoni waħda jew aktar, għalkemm huwa leċitu *għall-kontraenti* li jiddipartixxu minnhom b'appożita konvenzjoni mill-*konswetudini fuq imsemmija*;

Illi f'dan il-każ ma tirriżulta ebda konvenzjoni appożita li turi li ġie dipartit mill-imsemmija konswetudini, u kwindi *għandha ssehh ir-regola fuq enunċjata*;

Illi wara l-avviż li ġie lilu mogħti l-konvenut ma rrikorriex lejn il-Board tal-Qbejjel. Dana jirriżulta espliċitament mill-ittra *uffiċjali tiegħu diretta lill-atturi — l-imsemmi dok.* fil-fol. 7 tal-proċess—fejn ta bħala *raġuni* għaliex *ma riedx* jitlaq il-għalqa l-fatt li għadha ma skadietx il-lokazzjoni, u *iddikjara li kien lest biex joħroġ anki qabel ma tagħlaq il-lokazzjoni* f'każ ta' arranġament fuq proposta ta' l-atturi ritenuta raġjonevoli minnu;

*Illi* għaldaqstant it-*talba ta' l-atturi hija* pjenament ġustifikata;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi għat-tenur tat-talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż; u *għall-finijiet ta' l-iżgumbrament tipprefiġġi lill-konvenut tliet* ġimgħat żmien mil-lum.